**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 64**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 28 ta' Frar 2017 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

64.1.1 **Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jiġu moqrija.** Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**64.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 62**

64.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 62 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 62

**64.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 63**

64.3.1 Il-minuti tas-seduta numru 63 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 63

**64.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Laqgħa Annwali tal-Lokalità**

64.4.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-minuti ġew approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Laqgħa Annwali tal-Lokalità

**64.5 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

64.5.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku x'tiġi diskussa.

**64.6 Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat**

64.6.1 Peress li baqgħu ma tressqu l-ebda nomini taż-żgħażagħ eliġibbli, il-Kunsill qabel li s-suġġett jerġa' jittella' għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss. Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat

**64.7 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Areas, parks* u ġonna bl-użu ta' miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent – RLC/0158/17**

64.7.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 - Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Areas, parks* u Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għaż-

ġonna bl-użu ta' miżuri li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, ikun kompost kif ġej:

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sra Victoria Privitera

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Areas, parks* u ġonna bl-użu ta' miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent – RLC/0158/17

**64.8 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Areas, parks* u ġonna bl-użu ta' miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent – RLC/0158/17**

64.8.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Areas, parks* u ġonna bl-użu ta' miżuri li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, ikun kompost kif ġej:

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sna Orietta Cardona
Membru *PO/ES* – Is-Sindku Charles Azzopardi
Membru *PO/ES* – Is-Sur Andrew Mallia
Membru *PO/ES* – Is-Sna Janice Dingli
Segretarju *PO/ESR* - Is-Sra Roberta Galea

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' *Soft Areas, parks* u ġonna bl-użu ta' miżuri li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent – RLC/0158/17

**64.9 Talba mill-kuntrattur taż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrina fi Triq il-Kulleġġ sabiex jittermina l-kuntratt - RLC/T/147/2015**

64.9.1 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/0188/17, mibgħuta f'isem il-kuntrattur, is-Sur Owen Borg sabiex jittermina l-kuntratt RLC/T/147/2015 li huwa għandu mal-Kunsill b'effett mit-28 ta' Frar 2017.

Fuq proposta tal-Kunsillier Ian Vassallo, issekondata mill-Kunsillier Stephen Borg, il-Kunsill unanimament qabel li din ma tiġix aċċettata u l-kuntrattur għandu jkompli bl-obbligu kuntrattwali tiegħu sal-aħħar ta' Lulju 2017, kif ukoll jittieħed parir legali.

Talba mill-kuntrattur taż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrina fi Triq il-Kulleġġ sabiex jittermina l-kuntratt - RLC/T/147/2015

**64.10 Ħruġ ta' kwotazzjoni għax-xiri ta' boroż tal-*cold asphalt***

64.10.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-kwotazzjoni, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat.

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għax-xiri ta' boroż tal-*cold asphalt*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ ta' kwotazzjoni għax-xiri ta' boroż tal-*cold asphalt*

**64.11 Tibdil fl-abozz tal-ftehim ta' koperazzjoni dwar installazzjoni u manutenzjoni ta' dwal tat-toroq**

64.11.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta t-tibdil li kien hemm fl-abbozz tal-ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun Tramuntana, fuq proposta tal-Kunsillier Andrew Mallia, issekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jaqbel mal-abbozz hekk kif emendat.

Tibdil fl-abozz tal-ftehim ta' koperazzjoni dwar installazzjoni u manutenzjoni ta' dwal tat-toroq

**64.12 Problema tad-dawl fi Vjal Santu Wistin u Triq Santu Wistin**

64.12.1 Wara xi lmenti li irċieva l-Kunsill fosthom mingħand il-Pirjol tal-Kunvent ta' San Mark, dwar il-problema tad-dawl fi Vjal Santu Wistin u Triq Santu Wistin, il-Kunsill ikkunsidra l-istima tax-xogħlijet involuti li jinkludu 70 bozza żgħira fil-wiċċ ta' Vjal Santu Wistin għall-prezz totali ta' €1,400 u 12-il *uplighter* fuq iz-zuntier tal-Knisja ta San Mark u oħrajn fil-wiċċ ta' Triq Santu Wistin għall-prezz totali ta' €10,000.

Problema tad-dawl fi Vjal Santu Wistin u Triq Santu Wistin

Fuq proposta tal-Kunsillier Nazju Cassar, issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi, il-Kunsill unanimament approva x-xogħlijiet ta' Vjal Santu Wistin biss. Dan peress li l-*uplighters* kollha li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Mark u l-oħrajn fi Triq Santu Wistin ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-Kunsill billi jinsabu fi proprjetà privata jew qed idawlu binja privata.

**64.13 Talba għal asfaltar ta' trejqa fiż-żona tal-Ġnien iż-Żgħir**

64.13.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0086/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex trejqa fiż-żona tal-Ġnien iż-Żgħir tiġi asfaltata.

Talba għal asfaltar ta' trejqa fiż-żona tal-Ġnien iż-Żgħir

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jivverifika jekk din it-triq qatt ġietx asfaltata mill-Gvern Ċentrali, jekk din it-trejqa hijiex triq pubblika u jekk taqax fir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**64.14 Petizzjoni għal asfaltar tas-sqaq Ta' Sruġ**

64.14.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0085/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura minn tlett bdiewa li jagħmlu użu minn sqaq magħruf bħala Ta' Sruġ, fejn dawn qegħdin jitolbu lill-Kunsill sabiex l-imsemmi sqaq jiġi asfaltat.

Petizzjoni għal asfaltar tas-sqaq Ta' Sruġ

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill flimkien

mal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù (peress li l-isqaq huwa fil-konfini tal-KA tal-Virtù) jivverifikaw jekk dan l-isqaq qatt ġiex asfaltat mill-Gvern Ċentrali, jekk huwiex sqaq pubbliku u jekk dan l-isqaq jaqax fir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

** Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jiġi skużat fit-8.25 ta' filgħaxija.

**64.15 Petizzjoni għal asfaltar tat-Triq ta' Koronja**

64.15.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0142/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura minn diversi residenti, bdiewa u individwi li jagħmlu użu mit-Triq ta' Koronja, fejn dawn qegħdin jitolbu lill-Kunsill sabiex l-imsemmija triq tiġi asfaltata.

Petizzjoni għal asfaltar tat-Triq ta' Koronja

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li nitolbu lill-perit tal-Kunsill sabiex iħejji stima tal-ispejjeż involuti biex din it-triq tiġi asfaltata. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**64.16 Petizzjoni sabiex jiżdiedu l-bankijiet fil-Pjazza tal-Parroċċa u Misraħ San Katald**

64.16.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0145/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura minn diversi residenti Rabtin li jiffrekwentaw il-Pjazza tal-Parroċċa u Pjazza San Katald, fejn dawn qegħdin jitolbu lill-Kunsill sabiex jiżdiedu aktar bankijiet taħt il-loġoġ taż-żewġ pjazez.

Petizzjoni sabiex jizdiedu l-bankijiet fil-Pjazza tal-Parroċċa u Misraħ San Katald

Is-Sindku ppropona li tali talba tiġi milqugħa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**64.17 Talba għal permess ta' attività – Festa Pastizzi**

64.17.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0054/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand kumpanija *2 Minds Events*, sabiex il-Ħadd 2 ta' April 2017 ittellgħu attività bl-isem ta' 'Festa Pastizzi'.

Talba għal permess ta' attività – Festa Pastizzi

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel fil-prinċipju u għaldaqstant din il-kumpanija għandha tapplika mal-Kunsill għall-permessi kollha neċessarji skont ir-regolamenti tal-L.S. 441.04.

**64.18 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduti numru B 28, 29 u 30**

64.18.1 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, seduti numru B28, 29 u 30 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduti numru B 28, 29 u 30

**64.19 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru 30**

64.19.1 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro pproponiet li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, seduta numru 30 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru 30

**64.20 Tiġdid polza tal-assikurazzjoni tal-flus**

64.20.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded il-polza tal-assikurazzjoni tal-flus għas-sena 2017. Il-*premium* huwa ta' €63. Is-Sindku ppropona li l-polza tiġi mġedda. Issekonda din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tiġdid ta' polza tal-assikurazzjoni tal-flus

**64.21 Ħlas tal-miżata tad-*Data Protection Act***

64.21.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsill kellu b'lura żewġ miżati tad-*Data Protection Act* għall-perjodu Lulju 2015 – Lulju 2016 u Lulju 2016 – Lulju 2017. Il-ħlas huwa ta' €23.29 kull sena. Is-Sindku ppropona li l-miżati jitħallsu. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħlas tal-miżata tad-*Data Protection Act*

**64.22 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

64.22.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 266 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 266

**64.23 Mozzjoni 0003/17 – 'Mozzjoni biex isiru mill-ġdid tliet bankijiet'**

64.23.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 0003/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Mozzjoni 0003/17 – 'Mozzjoni biex isiru mill-ġdid tliet bankijiet'

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

**64.24 Mozzjoni 0004/17 – 'Mozzjoni biex issir mill-ġdid talba lil *Transport Malta* dwar ir-*roundabout*, li għandha ssir'**

64.24.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 0004/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Mozzjoni 0004/17 – 'Mozzjoni biex issir mill-ġdid talba lil *Transport Malta* dwar ir-*roundabout*, li għandha ssir';

Waqt id-diskussjoni, il-Kunsill ħass il-ħtieġa li ssir laqgħa teknika mal-perit tal-Kunsill sabiex jitħejja rapport u jiġi sottomess lill-Ministeru kkonċernat.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

**64.25 Mozzjoni 0005/17 – 'Mozzjoni biex issir bozza ġdida'**

64.25.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni numru 0005/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Mozzjoni 0005/17 – 'Mozzjoni biex issir bozza ġdida'

Waqt id-diskussjoni, il-Kunsill kien mgħarraf li d-dawl tat-triq propost fil-mozzjoni ma kienx dak li jmiss fl-ordni miżmuma fir-reġistru tal-Kunsill.

Il-mozzjoni m'għaddietx b'żewġ voti favur u erbgħa kontra.

**64.26 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

64.26.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

64.26.2 Il-laqgħa ntemmet fid-9.05 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................ ........... ta'.......................... 2017

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

**Charles Azzopardi** **Orietta Cardona**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**